# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 965/2010/2 MH**

**Raymond u Salvina konjuġi Cauchi**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana, li permezz ta' digriet datat 23 ta' Novembru 2012 ġie mibdul għal Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tad-Direttur Ġenerali (Dwana) minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Frar, 2018, li permezz tagħha laqgħet it-talbiet attriċi u kkundannat lid-Direttur Ġenerali (Dwana) jħallas lill-atturi s-somma ta' tmint elef u disgħa u sebgħin ewro u wieħed

u erbgħin ċenteżmu (€8,079.41) wara li ġie dikjarat li l-istess Direttur ma mexiex bid-diliġenza kollha meħtieġa minnu meta kellu fil-kustodja tiegħu l-armi tan-nar tal-attur u għalhekk kellu jwieġeb għad-danni.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-24 ta' Settembru, 2010 l-atturi fissru li Raymond Cauchi jgħix fl-Istati Uniti tal-Amerika għalkemm martu tirrisjedi fil-gżira Għawdxija. L-attur kien kollezzjonist tal-armi u fl-Istati Uniti tal-Amerika rnexxielu jikkollezzjona diversi armi tan-nar uniċi u ta' valur imprezzabbli anki mill-aspett storiku iżda kollha kemm huma kienu funzjonabbli. F'mument minnhom iddeċieda li jimporta lejn Għawdex tlettax-il arma tan-nar mill-kollezzjoni tiegħu. Ifissru li l-attur ħa ħsieb jagħmel il-proċeduri kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jimporta dawn l-armi tan-nar, liema armi tan-nar ġew importati f'Malta flimkien ma' oġġetti oħra personali tiegħu ġewwa kontejners.

3. Mal-wasla tal-kontejner f'Malta, l-attur jgħid li ddikjara mal-awtoritajiet li kellu tlettax-il arma tan-nar. Il-kontejner infetaħ Għawdex fil-preżenza ta' erba' uffiċċjali tad-Dwana. L-għada fil-15 ta' Jannar, 2008 huwa ħa l-armi tan-nar fl-*examination shed* tad-Dwana fil-Marsa ċjoè ġewwa maħżen bla saqaf u imdawwra bil-*wire* tal-ħadid u b'bieb magħluq b'katnazz dgħajjef li skontu jiswa anqas minn Ewro. L-attur jgħid li huwa

ġie ordnat iħalli dawn l-armi f'dak il-lok pendenti r-rilaxx tagħhom sakemm iġib id-dokumentazzjoni kollha neċessarja. Huwa ngħata riċevuta tal-istess armi tan-nar. Fl-20 ta' Frar, 2008 l-attur ġie nfurmat li seta' jiġbor l-armi mid-Dwana. Meta l-għada l-attur mar ġewwa l-maħżen tad-Dwana biex jiġbor l-armi ġie mgħarraf li l-armi kienu nsterqu matul il-lejl. Bis-saħħa ta' investigazzjoni, ħames armi tan-nar instabu u ttieħdu passi kriminali fil-konfront ta' ċertu persuni li ammettew l-involviment tagħhom f'din is-serqa. Dawn il-ħames armi tan-nar ingħataw lura lill-atturi, b'dan illi baqgħu mingħajr it-tmien armi tan-nar l-oħra. Minħabba f'hekk l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"1. Tiddikjara li l-istess Kontrollur tad-Dwana m'aġixxiex bid-diliġenza kollha rikjesta minnhu bil-liġi u l-istandard tal-bonus pater familias meta kellu fil-kustodja tiegħu l-istess armi tan-nar u għalhekk l-istess Kontrollur għandhu jwieġeb għad-danni kollha, inkluż il-valur tal-istess armi u t-telf ta' użu tagħhom;*
> *2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*
> *3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati lill-atturi;*
>
> *Bl-ispejjez kompriżi dawk taż-żewġ ittri uffiċjali numru 638/2008 datata 29 ta' Frar 2008 u l-ittra numru 1349/2010 datata Mejju 2010 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa imħarrek."*

4. Il-konvenut appellant wieġeb fil-15 ta' Novembru, 2010 u qajjem diversi eċċezzjonijiet: (i) preliminarjament li inkwantu l-atturi jallegaw fir-rikors maħluf li l-armi tan-nar inżammu għalxejn u b'konsegwenza li dawn insterqu, tali deċiżjoni li jinżamm ir-rilaxx immedjat tal-armi jikkostitwixxi għemil amministrattiv. Talba għad-danni riżultat ta' għemil amministrattiv ifisser li trid tiġi ppruvata l-mala fede min-naħa tal-konvenut l-ewwel fit-

teħid ta' dik id-deċiżjoni amministrattiva biex huwa jkun jista' jwieġeb għad-danni u huwa jiċħad li kien hemm mala fede min-naħa tiegħu; (ii) fil-mertu u mingħajr preġudizzju, sostna li r-rilaxx tal-armi impurtati ġie miżmum billi l-atturi ma ppreżentawx lid-Dwana liċenzja tal-impurtazzjoni għall-armi u dokument li juri l-kunsens tal-Kummissarju tal-Pulizija għal dan ir-rilaxx. Li kieku l-atturi kienu fil-pussess tad-dokumentazzjoni meħtieġa fil-waqt tal-importazzjoni tal-armi, dawn setgħu jiġu rilaxxati minnufih kif waslu Malta, iżda huma ppreżentaw id-dokumenti xahar wara. Iżda fil-lejl tal-21 ta' Frar, 2008 l-armi tan-nar insterqu permezz ta' sgass mill-*examination shed* tad-Dwana; (iii) isostni li huwa mexa bl-akbar diliġenza u kura u fil-parametri tal-liġi waqt li l-armi kienu fil-pussess tiegħu u għalhekk ma jaħtix għad-danni mġarrba; (iv) is-serq huwa każ fortuwitu w għalhekk huwa ma jweġibx għad-danni mġarrba; (v) għar-rigward tal-valur tal-armi u danni mġarrba sostna li l-atturi ddikjaraw il-valur tat-tlettax-il arma bħala elf Ewro. Dan il-valur għandu jonqos biex jirrifletti l-fatt li l-attur irċieva lura ħames armi tan-nar mit-tlettax li kienu misruqa.

5. Fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, il-konvenut appellant kien ippreżenta rikors nhar it-18 ta' Ġunju, 2012 li permezz tiegħu talab li jissejħu fil-kawża Mark Lawrence Rizzo u Christopher Shepherd bħala l-persuni li kienu mħarrka bl-imputazzjoni ta' serq ta' dawn l-armi. Madankollu permezz ta' digriet tat-22 ta' Ġunju, 2012 l-Ewwel Qorti

ċaħdet din it-talba.

6. B'sentenza mogħtija fid-9 ta' Frar, 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-atturi u kkundannat lill-konvenut iħallas is-somma ta' tmint elef u disgħa u sebgħin ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€8,079.41) lill-atturi bħala danni mġarrba minnhom, bl-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut Direttur Ġenerali (Dwana).

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tilqa' t-talbiet tal-atturi fil-mertu kienu dawn:

> *"Il-Qorti tibda billi tqis li d-Direttur konvenut kien qiegħed jaġixxi fil-parametri tal-funzjonijiet u obbligi tiegħu skont il-liġi li jżomm fil-pussess tiegħu l-armi tan-nar in kwistjoni pendenti r-rilaxx tagħhom lill-atturi sakemm jinħarġu l-permessi meħtieġa maħruġa mill-Pulizija. Kif xehed Joseph Vella, ex-uffiċjal tad-Dwana[1] –*
>
> > *"Is-sistema kif taħdem, li nibagħtu l-fizzjali biex ikunu preżenti meta jinfetaħ il-container, u jaraw l-oġġetti li hemm fih. F'dal-każ, irriżulta li kien hemm xi armi tan-nar. Aħna bilfors kellna nżommuhom mhux għax ma kinux personal effects, imma għax irid ikollok il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija."*
>
> *Kien il-konvenut li għażel il-lok fejn kellhom jinżammu dawn l-armi, u dan skont is-sistema viġenti fl-epoka. Kif kompla jixhed l-istess Joseph Vella[2]*
>
> > *"Il-proċedura dak iż-żmien, kienet li l-persuna f'dan il-każ l-attur, iġib l-armi għandna fl-examination room. Aħna rċevejna l-armi u poġġejnihom fl-istrong room. Kien preżenti l-attur meta poġġejnihom fl-istrong room."*
>
> *Ferm il-premess, huwa paċifiku li mill-mument li l-attur ikkonsenja l-armi tan-nar lid-direttur konvenut sakemm dawn kellhom jerġgħu jiġu rilaxxjati lilu bil-permessi meħtieġa, ikkonkorrew l-elementi meħtieġa biex jiġi fis-seħħ il-kuntratt ta' depożitu bejn il-partijiet. Kif konfermat fil-każ* ***Medcast Foundary Ltd vs Korporazzjoni ta' l-Izvilupp et*** *deċiż fil-31 ta' Mejju 2002[3]-*

[1] Fol. 77
[2] Fol. 77
[3] Cit 347/97

*…*

*Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum il-Qorti ssib li kien hemm diversi nuqqasijiet lampanti da parti tal-konvenut qua depożitarju tal-oġġetti in kwistjoni, nuqqasijiet li minħabba fihom mhux talli l-konvenut ma jistax jitqies li osserva rigorozament l-obbligu primarju tiegħu li jieħu ħsieb l-armi miżmuma minnhom b'diliġenza ta' bonus paterfamilias, talli l-istess omissjonijiet tiegħu esponew l-oġġetti in kwistoni għal riskju akbar li jisfaw fil-mira ta' serq, vandaliżmu jew ħsara oħra.*

*Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet komplessivament –*

*1. L-"examination shed" fejn kienu jinżammu l-armi (u li l-aċċess għaliha seta' jsir minn ġo bieb żgħir kif ukoll minn ġo bieb kbir li minnu jgħaddu t-trakkijiet bil-containers[4]) kull ma kellha kienu żewġ serraturi ordinarji u ma kellha ebda forma oħra ta' apparat jew aċċessorji li setgħu isaħħu s-sigurta' tal-post. Joseph Cassar, fizzjal tad-Dwana xehed hekk[5]*

> *"Il-bieb għandu żewġ sellaturi. Għandu sellatura normali, li nirreferu għaliha ta' b'ħamsa. M'hemm l-ebda rod fuq wara imwaħħla mas-serratura, li taqbad mal-parti ta' fuq u ma' l-art. Meta mort toqob vojta tas-sellatura kien hemm. Iċ-ċilindru tas-sellatura, instab mill-Pulizija viċin il-bieb."*

*Dan kollu ma setax ħlief jagħmel sgass ferm aktar faċli, kif fil-fatt ġara.*

*2. Din is-shed kienet sitwata f'żona ta' fabbriki li allura speċjalment fil-għaxijiet kienet loġikament tkun nieqsa minn attività u preżenza ta' nies. Nonostante dan, l-estern tas-shed kien jitħalla mudlam bil-lejl. Kif xehed wieħed miż-żewġ uffiċjali tad-Dwana li skoprew is-serqa Frank Schembri[6] –*

*"Ma kien hemm ħadd fil-post. Meta wasalna dlam biss kien hemm. Stajna naraw bid-dawl tal-vettura. Dan il-post qiegħed qalb il-fabbriki. Dan qiegħed fl-Industrial Estate tal-Marsa";*

*2. Il-binja nfisha ta' din is-shed ma tidhirx li kienet xi waħda li tipprovdi sigurtà adegwata għall-oġġetti depożitati fiha, speċjalment tenut kont tal-fatt li fiha kienu anke jinżammu oġġetti ta' ċertu valur bħalma kienu l-armi mertu ta' din il-kawża. Għalkemm kellha żewġ serraturi (li waqt is-serqa tqaċċtu t-tnejn[7]), is-saqaf kien biss wieħed "tal-pjanċi[8]", liema*

---

[4] Xhieda ta' Joseph Cassar a fol. 164
[5] Fol. 165
[6] Fol, 166
[7] Xhieda ta' Frank Schembri a fol 167
[8] Fol. 167

*materjal huwa ferm aktar dgħajjef għal dik li hi penetrabilità u aċċessibilità ġewwa l-fond imsemmi;*

*3. Ma kien ikun hemm ebda preżenza ta' xi uffiċjali li jipprovdu sigurtà għall-post f'xi ħin tal-gurnata. Lanqas bil-lejl meta, kif ingħad, is-shed kienet titħalla fi dlam ċappa minn barra. U l-kameras tac-CCTV li hemm fil-post jintużaw biss għal skopijiet ta' spezzjoni tax-xogħol waqt il-ħin tax-xogħol u ma jintużawx għal għanijiet ta' sigurtà lanqas. Kif kompla jgħid Frank Schembri*[9] *-*

> *"Mistoqsi jekk hemmx kameras fejn hemm is-shed, ngħid li le m'hemmx. Mistoqsi jekk hemmx xi security fil-parti ta' barra ngħid li le m'hemmx. Din mhix tinda li normalment hi normali. Tintuża biex isir eżami ta' xogħol. Hemm kameras ġewwa s-shed li jsir użu minnhom waqt li nkunu qegħdin nagħmlu l-eżami. Dawn il-kameras jintużaw fil-qadi ta' dmirijiet ta' l-Uffiċjali tad-Dwana. Fis-sens li mill-uffiċċju jaraw x'qed isir waqt li jkun qed isir xi eżami ta' container hemm ġew. Dan m'humhiex hemmhekk għal skopijiet ta' sigurta', u għalhekk bil-lejl ikunu mitfijin. Nikkonferma li dawn juru fuq monitor li hemm fl-uffiċċju ta' Mr Vella, li qiegħed fis-shed stess għalhekk is-superjur in charge ikun jaf eżatt x'qed isir waqt l-eżami."*

*4. Għal dik li mbagħad il-konvenut isejjaħ "strong room" jew "il-gaġġa" kif irreferew għaliha uħud mill-uffiċjali tad-Dwana, din ġiet deskritta hekk minn Joseph Vella (fl-epoka kien inkarigat mill-Examination Shed)*[10] *-*

> *"F'dal-bini (l-examination shed) kellna strong room, fiha konna nżommu oġġetti li ma nkunux nistgħu temporanjament nirrilaxxjaw peress li jkollna bżonn xi dokumenti minn xi Dipartiment ieħor. Aħna konna niddeskruvuha bħala l-gaġġa. Ma kinetx kamra magħluqa bil-ħitan – kienet imdawra minn ħadid spazjat. Kellha wkoll bieb. Kienet tissakkar permezz ta' katnazz. Kellna CCTV cameras ġo dal-garaxx, pero' dawn jagħtu għall-post fejn konna neżaminaw il-containers. Fejn hemm l-istrong room, m'għandniex kameras."*

*5. Anke jekk din il-gaġġa kienet magħmula mill-ħadid, kienet sempliċiment tissakkar b'katnazz u l-kameras lanqas kienu jilħqu dik iż-żona. Inoltre, għalkemm Vella qal li "ma jiftakarx" jekk din il-gaġġa kellhiex saqaf, ritratti tagħha*[11] *jindikaw li probabilment din ma kellhiex saqaf.*

*6. Dawn huma kollha fatturi li jkomplu jpoġġu f'dubju kemm verament kienu joffru sigurtà adegwata s-shed u l-istrong room. Dan jingħad fid-dawl tal-fatt li kulma għamlu l-ħallelin fis-serqa in kwistjoni kien sempliċiment li qaċċtu ż-żewġ serraturi tal-bieb tas-shed u mbagħad qaċċtu l-katnazz tal-istrong room u ħadu l-armi. Li kieku kien hemm sigurtà aktar rigoruza kemm fiż-żamma tal-oġġetti depożitati nfushom*

---

[9] Fol. 167
[10] Fol. 77
[11] Fol 180

*ġewwa din il-gaġġa kif ukoll permezz ta' mezzi oħra ta' protezzjoni u ta' sorveljanza tal-fond, din is-serqa setgħet probabilment tiġi evitata jew imwaqqfa tempestivament.*

*Magħmula dawn l-osservazzjonijiet hija l-fehma ferma tal-Qorti li d-direttur konvenut naqas sew fl-użu tad-diliġenza ordinarja ta' missier tajjeb ta' familja fir-rigward tal-armi tan-nar proprjeta' tal-attur kustoditi għandu.*

*Isegwi li l-ewwel parti tad-difiża tal-konvenut zgur ma rnexxietx.*

*Imiss għalhekk tiġi ndagata l-eċċezzjoni l-oħra tal-istess konvenut fejn huwa qiegħed jissolleva l-kwistjoni li s-serqa hija akkadut fortuwitu li għalih huwa m'għandux jirrispondi. Tajjeb li qabel xejn jiġu eżaminati l-prinċipji in materja kif evalwati mill-Qrati. Fil-każ* ***Saviour Cutajar et vs Aġent Reġistratur*** *tal-Qorti deċiż fis-16 ta' Ġunju 2005*[12] *ingħad hekk -*

*...*

*Minn dak li appena ngħad jirriżulta li d-direttur konvenut ma jistax jinvoka din id-difiza b'suċċess ġjaladarba ġie muri li kien hu li naqas li jikkustodixxi l-oġġetti depożitati proprjeta' tal-attur b'kawtela, diliġenza u ħsieb ta' bonus pater familias.*

*La fil-każ tal-lum id-direttur kiser l-obbligi tiegħu skont il-liġi bħala depożitarju u ma rnexxilux jikkonsenja lura l-oġġetti depożitati għandu lill-atturi, huwa għandu jagħmel tajjeb għad-danni minnhom sofferti fir-rigward.*

*Għal kull buon fini jingħad li d-dikjarazzjoni tal-uffiċjal prinċipal tad-Dwana Joseph Vella li safejn jaf hu, fiż-żmien li kien jaħdem hemm din "kienet l-ewwel u l-unika darba li seħħet xi serqa*[13]*" ma timmitigax ir-responsabilta' tal-konvenut għax il-provi wrew li minħabba nuqqas ta' sigurta' adegwata għall-oġġetti fil-kustodja tiegħu, il-possibilta' ta' dannu lill-atturi setgħet titqies prevedibbli.*

*L-ewwel talba tal-atturi timmerita għalhekk li tiġi akkolta."*

8. Id-Direttur Ġenerali (Dwana) appella minn din is-sentenza[14] u minn digriet tal-Ewwel Qorti fl-1 ta' Marzu, 2018 bi tliet aggravji: (i) appella mid-digriet tal-Ewwel Qorti tat-22 ta' Ġunju, 2012 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba

---

[12] Cit Nru 663/96
[13] Fol. 77
[14] Se ssir referenza għal-likwidazzjoni tad-danni mill-Ewwel Qorti aktar 'il quddiem

tiegħu sabiex jissejħu fil-kawża Mark Rizzo u Christopher Shepherd; (ii) mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, il-konvenut appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tasal raġjonevolment għall-konklużjoni li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentawx każ fortuwitu u li l-appellant m'aġixxiex bid-diliġenza u bħala *bonus pater familias;* (iii) l-aħħar aggravju huwa dwar il-likwidazzjoni tad-danni u dan tressaq mingħajr preġudizzju għall-aggravji l-oħra.

9. Mill-banda l-oħra, l-atturi jilqgħu għal dan l-appell billi jwieġbu permezz ta' risposta tat-23 ta' Mejju, 2018 li l-Ewwel Qorti ddeċidiet tajjeb u li ma jeżistux raġunijiet tajba li l-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti tinbidel u jagħtu r-raġunijiet tagħhom għala l-appell għandu jiġi miċħud.

10. Rat li inżammet seduta fl-20 ta' Frar, 2023 f'liema seduta l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

11. Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Konsiderazzjonijiet**

12. Permezz tal-ewwel aggravju, il-konvenut appellant appella mid-digriet tal-Ewwel Qorti tat-22 ta' Ġunju, 2012 fejn l-istess Qorti ċaħdet it-talba tiegħu sabiex jissejħu fil-kawża Mark Rizzo u Christopher Shepherd.

13. Il-konvenut appellant isostni li mill-provi rriżulta li Mark Rizzo u Christopher Shepherd kienu unikament responsabbli għas-serqa tal-armi. Tant huwa hekk li huma nstabu ħatja ta' dan ir-reat permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Settembru, 2013 u fil-konfront ta' Mark Laurence Rizzo s-sejbien ta' ħtija ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) permezz ta' sentenza tad-9 ta' April, 2014 filwaqt li tnaqqsitlu l-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

14. Jargumenta li l-appellati kellhom ir-rimedju skont il-liġi li jitolbu d-danni mingħand dawn l-imsemmija individwi u jgħid li l-fatt li l-appellati opponew bil-qawwa kollha għas-sejħa fil-kawża tagħhom u jidher li ma ħadu l-ebda azzjoni fil-konfront tagħhom qatt ma jista' jkun ġustifikat, tenut kont tal-fatt li l-kawża hija ppernjata fuq talba għad-danni riżultanti mis-serqa tal-armi tan-nar tal-appellati stess.

15. L-atturi appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jsostnu li l-kawża hija mibnija fuq premessi u talbiet preċiżi, ossija r-rabta bejn depożitant u depożitarju u r-responsabbilità ta' dan l-aħħar fil-konfront ta' dak tal-ewwel. Għaldaqstant is-sejħa ta' min ikkommetta r-reat ma tbiddel u ma tnaqqas xejn mir-responsabilità li għandu jġorr l-istess konvenut appellant. Tali sejħa ma kinitx se tintegra l-kontradittorju billi fih kienu diġà

qegħdin jipparteċipaw il-persuni idoneji.

16. Qabel xejn jeħtieġ li ssir referenza għall-motivazzjoni li tat l-Ewwel Qorti għaċ-ċaħda tat-talba tal-konvenut appellant fid-digriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2012. Hija qalet hekk:

> *"Wara li rat l-atti tiċħad it-talba sabiex jissejħu fil-kawża Christopher Shepherd, meħud in konsiderazzjoni li minn qari tar-rikors ġuramentat hu altru milli evidenti li l-pretensjoni tal-atturi hi li bħala depożitarju tal-armi l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għall-ħsara li ġarrbu peress li ħalla l-armi ġewwa "**warehouse li hija faċilment aċċessibbli u bla sigurtà ta' xejn**". (paragrafu 8 tal-premessi tar-rikors ġuramentat)"*

17. Ġie miżmum fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018 fl-ismijiet **Mark Anthony Farrugia et v. Xemxija Bay Property Holding Limited** li għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 961 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħti s-setgħa lill-Qorti li ssejjaħ fil-kawża terza persuna, dan normalment isir sabiex il-ġudizzju jkun integru fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jiġu mħarrka u xi wħud minnhom jitħallew barra.

18. Illi s-sejħa fil-kawża, jew kif kien magħruf fl-imgħoddi, l-intervent koatt (biex jintgħaraf mill-intervent volontarju li għalih japplika l-Artikolu 960 tal-Kap 12), għandha l-għan li tevita li jkun hemm għadd ta' kawżi fuq l-istess mertu (App. Ċiv. 23.3.1962 fil-kawża fl-ismijiet **Sant Cassia et v. Montebello et** (Kollez. Vol: XLVI.i.171)) meta dawk il-persuni jistgħu jitqiegħdu f'ġudizzju wieħed li jikkonsidra l-qagħda rispettiva tagħhom (Ara per eżempju, App. Ċiv. 23.11.1898 fil-kawża fl-ismijiet **Stepton v. Spiteri** (Kollez. Vol: XVI.i.117). Huwa essenzjali, għalhekk, li persuna

msejħa fil-kawża jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas tal-istitut tas-sejħa fil-kawża joħroġ mill-kunċett fondamentali ta' interess tal-parti li toqgħod f'ġudizzju.

19. Illi l-interess li jsejjes is-sejħa fil-kawża għandu jkun fl-eżitu tal-ġudizzju, mhux neċessarjament fis-sens li l-imsejjaħ fil-kawża jkun kundannat jew meħlus, imma fis-sens li jsostni r-raġunijiet tal-attur jew tal-imħarrek, jew saħansitra tiegħu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet (Ara App. Ċiv 27.1.1997 fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Azzopardi et noe v. Calcedonio sive Donald Attard et**). Imma, fi kwalunkwe każ, l-interess tal-imsejjaħ fil-kawża għandu jkun ta' livell bħal dak imfisser minn ħafna sentenzi tagħna bħala l-interess ġuridiku li għandu jkollha parti fil-kawża. (Ara **Emanuel Camilleri v. Spettur Louise Calleja et,** deċiża mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Mejju, 2014).

20. Din il-Qorti mhux se taħli wisq ħin fuq dan l-aggravju billi jidhrilha li mhux siewi. Huwa ovvju minn qari tar-rikors maħluf li l-kawża tal-atturi appellati hija msejsa fuq ir-relazzjoni li l-istess atturi appellanti bħala depożitarji kellhom mal-konvenut appellant bħala depożitarju. Is-sejħa fil-kawża ta' Mark Rizzo u Christopher Shepherd, li rriżulta li kienu huma li serqu l-armi tan-nar tal-atturi appellati, ma kinitx se tixħet dawl fuq it-talbiet tal-atturi appellati u lanqas ta' għajnuna għad-difiża tal-konvenut appellant. Il-parteċipazzjoni ta' dawn il-persuni fil-kawża ma kellha

x'taqsam xejn mal-kawżali tal-azzjoni kif proposta.

21. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

22. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju li mhu xejn għajr aggravju dwar l-apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti. Il-konvenut appellant isostni li ċ-ċirkostanzi tal-każ kienu jagħtu lok għal każ fortuwitu billi l-armi tan-nar insterqu u huwa aġixxa b'diliġenza raġjonevoli u skont il-liġi. Ifisser li fil-21 ta' Frar, 2008 id-Dwana għarrfet lill-attur li l-armi setgħu jinġabru billi d-dokumentazzjoni meħtieġa għar-rilaxx tagħhom kienet inġabet. Isostni li anki jekk ħa l-passi meħtieġa kollha f'xi ħin wara l-5.15p.m dakinhar stess tal-21 ta' Frar, 2008 sar sgass vjolenti doppju permezz ta' użu ta' għodda li taqta' l-ħadid fil-maħżen tad-dwana tal-Marsa. Il-ħallelin qatgħu s-serratura u sgassaw il-bieb tal-ħadid ta' barra biex b'hekk daħlu fil-maħżen. Imxew lejn fejn kienu miżmuma, fost oġġetti oħra, l-armi tan-nar fejn għat-tieni darba sgassaw il-katnazz li kien jagħlaq l-aċċess għas-*secure area f*ejn jinżammu l-armi tan-nar, apparti l-fatt li nsteraq l-apparat tas-*CCTV cameras* li kien hemm ġewwa l-maħżen. Isostni li dan kien każ fortuwitu billi ma setax kien raġjonevolment previst minnu għaliex l-att doluż tal-ħallelin kien għal kollox imprevist u fortuwit.

23. Il-konvenut appellant jirreferi wkoll għalll-proċess verbal fejn minn

imkien mill-konklużjonijiet ma kien hemm ħjiel li huwa kien b'xi mod responsabbli għal dak li seħħ minħabba xi nuqqas ta' diliġenza u/jew sigurtà min-naħa tiegħu. Din kienet l-uniku serqa li qatt seħħet fil-maħżen hekk kif xehed l-uffiċjal tad-Dwana Joseph Vella. Jirreferi wkoll għar-relazzjoni tal-espert Perit Valerio Schembri, espert nominat fl-Inkjesta Maġisterjali, li skont il-konvenut appellant jirriżulta li l-ħallelin kellhom jegħlbu diversi livelli ta' sigurtà sabiex daħlu fejn kienu qegħdin jinżammu l-armi tan-nar. Jiċħad l-allegazzjonijiet tal-attur appellat li l-maħżen tad-Dwana kien *"warehouse bla saqaf u imdawra bil-wire tal-ħadid u b'bieb magħluq b'katnazz dgħajjef li jiswa anqas minn ewro".* Iżid li l-attur appellat ma kellu l-ebda oġġezzjoni li jħalli l-armi tan-nar f'dik il-parti tal-maħżen fejn inżammu u dan huwa ndikattiv li l-istess attur appellat ma kellu l-ebda riżerva fir-rigward tas-sigurtà tal-maħżen.

24. L-atturi appellati wieġbu billi għamlu tagħhom il-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti, filwaqt li rreferew għan-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom u għall-ġurisprudenza lokali relevanti. Jiġbdu wkoll l-attenzjoni għal dik il-parti tal-appell tal-konvenut appellant fejn jagħti l-impressjoni li s-serqa inkwistjoni kienet xi waħda kumplikata u barra mill-ordinarju. L-atturi appellati jgħidu li dan sar biex il-konvenut appellant jeħles mix-xilja ta' nuqqas, imperizja, negliġenza u traskuraġni qabel jew waqt l-akkadut sabiex ikun jista' iressaq id-difiża tal-każ fortuwitu. Madankollu, l-atturi appellati jsostnu li l-provi ma jurux hekk.

25. Hekk kif inhu miżmum, l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti m'għandux normalment jiġi disturbat, sakemm mhux għal xi raġuni gravi, madankollu, huwa minnu wkoll li: "*l-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal- Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti."* (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***).

26. Kif inhuwa fid-dmir tagħha illi tagħmel, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha tal-kawża.

27. In tema legali jiġi osservat f'materja ta' depożitu, li d-depożitarju għandu jieħu ħsieb l-oġġett fdat lilu daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu [Art.1899]. Huwa obbligat li jrodd lura l-oġġett fdat f'idejh u jekk jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa responsabbli għat-telf jew ħsara li tali nuqqas iġib lil min ikun għamel id-depożitu, salv f'każ li jipprova l-każ fortuwitu bħala motiv tal-esenzjoni tiegħu mill-ħsara li ssofri l-ħaġa depożitata. Prova ta' din tinkombi fuqu li jagħmilha. *"Jekk id-depożitarju jinvoka l-każ fortuwitu bħala motiv ta' esenzjoni tiegħu mill-ħsara li ssofri l-ħaġa, l-prova tal-każ fortuwitu taqa' fuqu. F'dan il-każ tapplika l-massima res perit domino. Inoltre, l-ġurisprudenza hija konkordi li l-kunċett ta' każ fortuwitu jew forza maġġuri ma jseħħx meta għall-ħsara ikun ikkontribwixxa l-fatt pożittiv jew negattiv tal-bniedem*[15]" (Ara **John Camilleri et v. Saviour Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April, 2004).

28. Illi f'dan il-każ jirriżulta li tlettax-il armi tan-nar, proprjetà tal-atturi appellati, insterqu mill-maħżen tad-Dwana fejn kienu ġew depożitati minn Raymond Cauchi sakemm kellhom jkunu rilaxxjati bil-permessi kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet relevanti. Sussegwentement, wara li l-ħallelin ġew arrestati, ħamsa minn dawn l-armi tan-nar ġew ritornati lill-istess Cauchi. Minħabba li twettqet din is-serqa, il-konvenut appellant qiegħed jipprova jinħeles mir-responsabilità tiegħu billi jinvoka l-każ fortuwitu

[15] App.Civ.Carmela Sapiano v. Antonia Fenech [1997] Vol.LXXXI.II.149

filwaqt li jsostni li huwa mexa bid-diliġenza kollha mitluba minnu mil-Liġi.

29. Stabbilit li kien hemm dan is-serq bi sgass, ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tas-27 ta' Frar, 2008 fl-ismijiet **RAB Limited v. Christopher Spiteri** li jidher li hu aċċettat in linea ta' prinċipju illi s-serq għandu jkun konsiderat bħala każ fortuwitu u għalhekk għandu jsofrih il-proprjetarju tal-oġġett misruq. Dan bis-saħħa tal-prinċipju *casus sentit dominus* sanċit fl-Artikolu 1029, Kodiċi Ċivili. Fl-ispeċifiku, jinsab provdut fl-Artikolu 1901, Kodiċi Ċivili illi "*d-depożitarju ma jwieġeb qatt għall-aċċidenti li jiġru minn forza maġġuri* …". Ara, ad eżempju, is-sentenza fl-ismijiet **Elia Borg Bonaci v. Robert Biasini et nomine**, Appell Ċivili, 22 ta' Mejju, 1950. Dan, naturalment, hu hekk il-każ "*ammenokke ma jkunx hemm xi ħtija ta' min kien depożitarju ta' dak l-oġġett li titfa' fuqu l-ħtija ta' dak il-każ fortuwitu*" (**Charles Bianco v. Carmelo Ciantar**, Appell Kummerċjali, 17 ta' April, 1944).

30. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti bla tlaqliq ta' xejn, tqis li l-argumenti mressqa 'l quddiem permezz ta' dan l-aggravju mhumiex fejjieda. M'hemm xejn x'tiċċensura fl-evalwazzjoni tal-provi mwettqa mill-Ewwel Qorti. Ibda biex, il-konvenut appellant ma jgħidx sewwa meta jsostni li l-fatt li l-attur appellat iddepożita l-armi fil-lok minn fejn insterqu huwa turija li ma kellux kwistjonijiet dwar is-sigurtà tal-post. Il-konvenut appellant jaf sewwa li l-attur appellat ma kellu l-ebda għażla iħallix jew le

l-armi tan-nar fil-kustodja tad-Dwana u fil-lok fejn tħallew. Infatti joħroġ ċar mill-provi li billi kien jonqos xi dokumentazzjoni sabiex l-armi jinħelsu f'idejn l-attur appellat huwa ngħata ordni mill-uffiċjal tad-Dwana biex jieħu l-armi tan-nar fil-maħżen inkwistjoni.

31. Hekk kif l-attur appellat ħalla l-armi tan-nar dawn kellhom jiġu rilaxxati wara li jinħarġu l-permessi meħtieġa lilu u b'hekk beda fis-seħħ il-kuntratt ta' depożitu.

32. Stabbilit dan, mill-provi rriżulta mingħajr dubju li għalkemm l-uffiċjali tad-Dwana rreferew għal-lok fejn inżammu l-armi tan-nar bħala *strong room*, din ma kienet *strong room* xejn. Bil-maqlub jirriżulta li kien hemm diversi nuqqasijiet:

- L-uniku sokor li kien hemm fl-*examination shed* u fil-parti fejn kienu jinżammu l-armi tan-nar kienu serraturi ordinarji u katnazz bla saħħa ta' xejn;
- Ix-xhud Joseph Vella, uffiċjal prinċipali tad-Dwana[16], xehed li dik li kienet titqies bħala *strong room*, magħrufa wkoll bħala gaġġa, ma kinitx kamra magħluqa bil-ħitan iżda kienet imdawwra minn ħadid spazjat. Kellha wkoll bieb u kienet tissakkar b'katnazz u ma kienx hemm kameras f'dik il-parti tal-maħżen;

[16] Seduta tas-17 ta' Novembru, 2011

- Dan il-maħżen kien f'żona ta' fabbriki u allura f'post fejn wara l-ħinijiet tax-xogħol mhux se jkun hemm attività għaddejja. L-estern ta' dan l-*examination shed* kien mudlam. Tant huwa hekk li Frank Schembri, uffiċjal tad-Dwana xehed[17] li meta mar fuq il-post, wara li kien infurmat bis-serqa, *"dlam biss kien hemm. Stajna naraw bid-dawl tal-vettura".*
- Mix-xhieda u mir-ritratti esebiti mill-uffiċjal tal-forensika PS 964 Robert Scicluna[18] jidher li l-maħżen kellu s-saqaf tal-pjanċi.
- Il-kameras tac-CCTV kienu jintużaw biss fil-ħinijiet tax-xogħol u ma kinux jagħtu għall-gaġġa.
- Lanqas ma kien hemm xi uffiċjal tas-sigurtà mal-maħżen.

33. Meta jitqies li armi tan-nar tħallew fil-fond b'dan il-mod ma jistax ma jingħadx li ma kienx hemm negliġenza min-naħa tal-konvenut appellant u bla dubju ma jistax jingħad li huwa mexa bid-diliġenza li trid il-liġi billi ma ħax il-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex il-maħżen ikun sigur. Għalhekk għalkemm serq f'każ ta' depożitu ta' oġġett jista' jiġi kkunsidrat bħala każ fortuwitu, biss fil-każ tagħna rriżulta li l-konvenut appellant naqas mill-obbligi tiegħu u b'hekk ma jistax jiġi eżonerat.

34. Marbut ma' dan irid jingħad li filwaqt li huwa minnu li d-dħul mill-

[17] Seduta tas-26 ta' Marzu, 2012
[18] Dok RS1

malviventi kien bi sgass iżda dan il-fattur ma jfissirx li kien hemm xi diffikultà kbira biex daħlu fil-maħżen u fil-gaġġa. Qaċċtu ż-żewġ serraturi tal-bieb tal-*examination shed* u wara qaċċtu l-katnazz tal-ġaġġa. B'hekk huwa ovvju li n-nuqqas tal-konvenut appellant li jagħmel ċert li l-lok fejn l-oġġetti jkunu depożitati jkun sigur ma jeżentahx mir-responsabilità tiegħu għal dak li seħħ.

35. Il-konvenut appellant jirreferi għall-atti tal-Inkjesta Maġisterjali li nfetħet insegwitu għas-serqa u jargumenta li ma rriżulta xejn dwar xi negliġenza min-naħa tiegħu. Dan l-argument mhux siewi. L-għan tal-Inkjesta Maġisterjali kien li tiġi preżervata l-evidenza għal dak li jirrigwarda s-serq bi sgass, l-għan ma kienx biex jiġi stabbilit kienx hemm xi negliġenza min-naħa tal-vittma jew altrimenti jinvestiga dwar ir-relazzjoni bejn id-depożitarju u d-depożitant.

36. Għalhekk it-tieni aggravju qiegħed jiġi miċħud.

37. Ngħaddu għat-tielet aggravju tal-konvenut appellant li jittratta dwar id-danni likwidati mill-Ewwel Qorti. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha kienu:

> "*Fit-tieni u t-tielet talba tagħhom, l-atturi jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, liema pretensjoni tinkludi l-valur tal-istess armi u t-telf ta' użu tagħhom skont l-istimi esibiti minnu.*
>
> *Huwa paċifiku li t-talba tagħhom tirrigwarda danni* ***fir-rigward tat-tmien armi tan-nar li baqgħu ma nstabux****.*

*L-atturi esebew stima ta' ċertu Michael Mifsud, residenti ġewwa l-Istati Uniti, li qal li kien biegħ diversi armi tan-nar tal-kollezzjoni lill-attur. Qal ukoll li dawn kienu ġodda u qatt ma ntużaw qabel*[19] *.*

*Mill-prospett ta' danni esibit mill-atturi, il-prezz totali ndikat u pretiż minnhom bħala danni fir-rigward tal-armi tan-nar misruqa li baqgħu ma ġewx rintraċċati jammonta ghal €36,393.93.*

*Minn naha tiegħu l-konvenut jargumenta li l-valur massimu għall-armi kollha kif dikjarat mill-atturi mal-konvenut huwa ta' €1,000*[20] *u għalhekk fil-fehma tiegħu l-valur massimu ta' dawn l-armi li fuqu għandhom jiġu kalkulati d-danni għandu jonqos ulterjorment minn din is-somma sabiex ikun rifless il-fatt li l-atturi nghataw lura ħames armi mit-tlettax misruqa*[21]*.*

*Oltre l-provi mressqa mill-partijiet in sostenn tal-pożizzjoni tagħhom, il-Qorti rat ir-rapport tal-espert tekniku mqabbad minnha l-Brigadier Maurice Calleja*[22] *.*

*Huwa rrelata li:*

*a. Għamel riċerki dwar il-prezzijet tas-snieter ta' l-istess għamla bħal dawk li kienu misruqa mill-maħżen tad-Dwana bl-għajnuna tal-ktieb Blue Book of Gun Values, l-internet u kkonsulta ma' żewġ aġenti tal-armi. Il-prezzijiet kwotati kienu kollha ta' snieter użati;*

b. Peress li huwa qatt ma ra l-armi li kienu misruqa huwa ma jistax *jistabilixxi l-kundizzjoni tagħhom u għaldaqstant straħ fuq id-deskrizzjoni mogħtija lilu mill-attur u kkonfermata mill-persuna li mingħandu nxtraw (Michael Mifsud). In vista tal-fatt li Mifsud iddikjara li dawn l-armi kienu ġodda jew f'kundizzjoni daqs ġodda, l-espert żied 20% fil-mija mal-valur fuq il-prezzijiet tas-snieter użati;*

*c. Dan l-espert stabilixxa l-valuri finali tal-armi tan-nar in kwistjoni kif ġej:*
*Strum Ruger Serial No 410-29922 – €2650*
*Browning Citori Serial No 03642PT 143 – €4374*
*Ithaca Serial No 78102 – €1104*
*Benelli Serial No F 045844 – €2650*
*Benelli Serial No V007566 – €2026*
*Charles Daly Serial No 2121358 –€644*
*Winchester Serial No DG279303E – €5736*
*Diana Air Rifle Serial No 4039926 – €616*

*d. L-espert qal ukoll li fil-kaz tas-senter Ithaca Model 51 1-100, l-aktar prezz għoli li sab kien ta' €920 u dan għal senter Presentation Model.*

[19] Fol. 34 et seq
[20] Formola intestata Declaration Information a fol. 64 et seq
[21] Eċċezzjoni fir-risposta ġuramentata
[22] Fol. 208 et seq

*Huwa ddikjara dan għaliex hemm differenza kbira bejn il-prezz kwotat mill-attur u dak kwotat mill-espert tekniku. L-espert qal ukoll li huwa pprova diversi drabi sabiex javviċina dak li kien kwotat mill-attur iżda ma setax.*

*Il-Qorti rat id-domandi in eskussjoni tal-konvenut*[23] *u t-twegibiet ta' dan l-espert tekniku*[24]*.*

*Il-Qorti rat ukoll ir-rapport tal-periti perizjuri mqabbda minnha s-Sur Stephen Petroni, s-Sur Pierre Grech Pillow u l-Av. Mario Spiteri. Tinnota qabel xejn li t-talba tal-atturi għall-isfilz tal-istess rapport*[25] *hija ormai kapitlu magħluq wara li giet michuda kemm minn din il-Qorti*[26]*, liema ċaħda ġiet ukoll konfermata bis-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2015 tal-Qorti tal-Appell*[27]*.*

*Fir-rapport tagħhom, oltre l-fatti stabbiliti mill-atti, l-periti perizjuri għamlu dawn il-konsiderazzjonijiet, li sintetikament jgħidu hekk –*

*a. Ħafna drabi, l-valur ta' arma li tkun inxtrat sabiex tinżamm minn kollezzjonista tal-armi ikun ferm ogħla peress li f'dan il-valur ikun hemm l-element suġġettiv u l-element ta' affezzjoni għal dik l-arma;*

*b. Meta jkun qed jiġi stabbilit il-valur fuq arma, u dan sabiex jiġi rifless il-prezz reali tagħha fis-suq f'dak il-mument, dawn iż-żewġ elementi appena msemmija ser ikunu mankanti bil-konsegwenza li l-prezz ser ikun wieħed sostanzjalment anqas minn meta kollezzjonista jħallas flus għall-arma li huwa jkun verament xtaq jakkwista;*

*c. Għalhekk huwa stat ta' fatt rikonoxxut li, kollezzjonista tal-armi dejjem ser ikun dispost iħallas prezz ogħla minn normal għall-arma li jkun jixtieq, pero' dan il-fatt minnu nfih m'għandu jittieħed qatt bħala kejl definittiv ta' kemm effettivament tkun tiswa l-arma;*

*d. Fattur importanti ieħor li ċertament għandu jiġi kkunsidrat f'dan il-kuntest huwa dak li l-arma trid tkun għaddiet minn evalwazzjoni fiżika minn min ikun ser joffri prezz fuqha. Eż fejn hemm żewġ armi identiċi u waħda tkun intużat għal kaċċa u l-oħra li tkun baqgħet dejjem maqfula u ntatta fil-carrying case tagħha – loġikament, il-prezz tal-ewwel waħda ser ikun ferm inqas minn tat-tieni waħda;*

*e. Il-kundizzjoni ta' l-arma tista' tkun ukoll soġġettiva fis-sens illi jista' jkollok arma li għandha l-patina (l-element ta' użu) onesta, li dan jikkuntrasta ferm ma' patina ta' arma oħra illi tkun issubixxiet xi forma ta' traskuraġni jew nuqqas ta' kura. Oltre l-kundizzjoni, l-istess jingħad*

[23] Fol. 217 et seq
[24] Fol. 221 et seq
[25] Rikors a fol. 298 et seq
[26] Digriet a fol. 322
[27] Proċess anness – sentenza a fol 32 et seq

*għall-integrita' mekkanika li ma tistax tiġi ġudikata sempliċiment b'mod viżiv iżda tkun teħtieġ ukoll ezami fiżiku;*

*f. Fattur ieħor li jħalli mpatt fuq il-valur partikolari ta' arma huwa dak dwar l-ammont ta' produzzjoni ta' armi ta' dak il-mudell partikolari, li jkunu ġew manifatturati, kemm għad fadal minnhom fl-idejn kif ukoll jekk hemmx xi forma ta' ċertifikazzjoni li turi limitu ta' produzzjoni ta' dik l-arma partikolari;*

*g. Min ikun qed jagħmel xi forma ta' valutazzjoni għandu wkoll iħares b'attenzjoni lejn l-isem tal-manifattur u dan għaliex l-isem minnu nfih jista' jkun indikattiv ta' doti tekniċi, l-klassi tal-arma in kwistjoni kif ukoll it-tip u l-kundizzjoni ta' din l-istess arma;*

*h. F'ċirkustanzi bħal każ tal-lum fejn it-tmien armi misruqa baqgħu ma nstabux u allura l-ispezzjoni fiżika sabiex tiġi stabbilita l-kundizzjoni tagħhom mhijiex possibbli, ikun jenħtieġ illi tinġabar dik l-informazzjoni kollha possibbli dwar kull arma f'dan il-każ u dana sabiex wieħed ikun jista' jagħti stima tal-valur tal-arma in kwistjoni;*

*i. Rinfaċċjati b'din is-sitwazzjoni l-periti perizjuri ħassew il-ħtieġa li jippruvaw jottjenu nformazzjoni oltre dak li hemm iskritt fil-Blue Book of Gun Values dwar dawn l-armi u dan billi sar kuntatt mal-awtur u pubblikatur ta' dan il-ktieb is-Sur Stephen P.Fjestad[28], illi seta' jagxxi bhala ntermedjarju bejn il-fabbriki tal-armi rispettivi u l-istess periti u dan sabiex, permezz tas-serial number rispettiv ta' kull arma li nsterqet, possibilment jigu identifikati xi whud, jekk mhux kull fattur indikat aktar 'il quddiem, illi l-esperti jidhrilhom illi jistghu jkollhom impatt qawwi fuq il-valur u l-istima tal-istess armi;*

*j. Dan l-awtur innifsu, meta mogħti d-dettalji saljenti kollha dwar is-seba' shotguns li fuqhom kien mitlub l-intervent tiegħu, stante wkoll illi din hija l-materja (shot-guns) illi huwa rinomat illi jeċċella fiha, ipprovda ċifri dwarhom ghall-gwida tal-esperti tekniċi stess;*

*k. Minn riċerka u verifiki ulterjuri li nħassu li kellhom isiru minn naħa tat-tlett esperti tekniċi u dan ukoll in linea ma' dak li ġie ssuġġerit mill-istess pubblikatur, tenut kont ukoll l-informazzjoni kollha emerġenti, il-periti perizjuri esprimew il-fehma li l-valur stabbilit ma' kull arma li sal-lum għadha tirriżulta bħala misruqa għandu jkun hekk –*

*Benelli Serial No F 045844 – €467.13*
*Benelli Serial No V007566 – €859.51*
*Browning Citori Serial No 03642PT 143 – €2877.49*
*Charles Daly Serial No 2121358 –€691.35*
*Ithaca Serial No 78102 – €175.64*
*Strum Ruger Serial No 410-29922 – €822.14*

[28] Fatt dan li anke sab l-approvazzjoni tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha datata 15/12/2015; atti allegati

*Winchester Serial No DG279303E – €1438.75*
*Diana Air Rifle Serial No 4039926 – €747.40*

***VALUR TOTALI – €8,079.41***

*Rat id-domandi u t-tweġibiet in eskussjoni tal-periti perizjuri*[29] *u n-Nota konġunta tal-periti addizzjonali*[30] *.*

*Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha.*

*Il-Qorti tibda billi tqis li t-teżi tad-direttur konvenut dwar il-likwidazzjoni tad-danni ma treġix. Kif xehdu r-rappreżentanti tad-Dwana stess, huma ma jitolbux valur realistiku għal dak li jirrigwarda oġġetti personali tal-persuna (bħal ma huma l-armi tan-nar in kwistjoni); anzi lanqas biss jagħtu kashom. Kif xehed Louis Fava, fizzjal tad-Dwana*[31] *–*

> *"Aħna qatt ma nitolbu valur realistiku fuq personal effects għax qatt ma jista' jkun. Irrid nispjega li aħna ma nidħlux fil-kwistjoni dwar kemm ikun ta' valur biex għen is-shipper jew is-sid ta' l-oġġett. Dik mhix haga li tikkoncerna lilna fil-personal effects...Il-valuri qatt ma naf li tajna kashom. Jien ili 27 sena id-Dwana. Hekk nafha dejjem is-sitwazzjoni."*

Addirittura dan l-istess xhud ikkonferma li l-valur ta' €1000 imniżżel fid-Declaration Form kien imdaħħal ħażin mill-istaff tad-Dwana għax tali ċifra kellha tkun għall-affarijiet ġodda li ġab miegħu l-attur u mhux għall-armi tan-nar[32]

> *- "Qed ngħid li hemm dan iż-żball, fis-sens li fejn hemm dikjarat the price bħala munita, dik suppost qiegħda tirreferi għal new items u mhux għall-armi tan-nar. Dan hu żball li ġara fis-sistema. Mr Cauchi kien għamel id-dikjarazzjoni fil-preżenza tiegħi u kien qalilna li s-shot guns ma jistax jagħti valur tagħhom, sempliċiment qalli ma nistax nagħtik prezzhom. Hu veru li fid-dokument hemm iċ-ċifra ta' elf - shotguns, imma dan mhux dak li qalilna Mr Cauchi. L-inputer għamlet elf, imma dik kellha tkun għall-affarijiet ġodda li ġab miegħu barra minn Malta, mhux għas-shotguns. Dak l-item suppost taqra new items li kellu hu. Is-shotguns huma dikjarati fil-messages. M'hemmx il-valur. Qed ngħid dawn l-affarijiet għax naf li sar zball."*

*Għal dawn ir-raġunijiet, l-argumenti li qed jakampa fuqhom il-konvenut fir-rigward ma jistgħux ħlief jiġu meqjusa nfondati fl-isfond tax-xhieda riferuta.*

*Minn naħa l-oħra t-teżi tal-atturi, kif spjegata fin-Nota ta' Sottomissjonijiet finali tagħhom hija li, għar-raġunijiet hemm*

---

[29] Fol. 332 et seq u fol. 366 et seq
[30] Fol. 354 et seq
[31] Fol. 168
[32] Fol. 169

*imsemmija[33], din il-Qorti għandha tiskarta l-konklużjonijiet tal-periti perizjuri u minflok għandha tagħti piż liċ-ċifra preżentata minnhom ta' €36,393.93 (bażata fuq il-figuri ndikati minn Michael Mifsud) u almenu tikkalibraha maċ-ċifra ta' €19,800 ndikata mill-ewwel relazzjoni peritali tal-espert imqabbad mill-Qorti l-Brigadier Maurice Calleja. Dan sabiex skont l-atturi, l-Qorti arbitrio boni viri tasal għal kumpens "skont jew bejn l-imsemmija żewġ estremi ta' €36,393.33 u ta' €19,800.00[34]".*

*Il-Qorti pero' hija ta' fehma oħra*.

*Fl-ewwel lok fattwalment tinnota li anke jekk fil-prospett tad-danni l-atturi kienu elenkaw valuri pretiżi minnhom bħala danni bażati fuq l-istimi mogħtija minn Michael Mifsud, kienu huma stess li sussegwentement talbu li jiġi maħtur espert tekniku: "…jsostni t-talba għall-ħatra ta' espert biex jagħti valur tal-oġġetti[35]". Kienu wkoll l-atturi li nsistew għall-ħatra ta' periti perizjuri wara li l-attur Raymond iddikjara li "iħossu aggravat bir-rapport tal-perit tekniku l-Brigadier Maurice Calleja[36]", liema talba huwa fermement rega' nsista dwarha waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2013[37]. Huwa għalhekk kemmxejn ambigwu kif proprju issa l-atturi qegħdin jibdlu il-pożizzjoni tagħhom dwar il-konklużjonijiet tar-rapport tal-Brigadier Calleja. Huwa desumibbli naturalment li d-distakk bejn il-valuri monetarji mogħtija fir-rapport tal-ewwel perit tekniku u dak tal-periti perizjuri probabilment kien il-motiv ewlieni għal dan ir-ripensament fil-pozizzjoni tal-atturi, (kif ukoll l-attentat tagħhom li jiksbu l-isfilz ta' l-istess relazzjoni), fattur pero' li waħdu m'għandux iwassal lil din il-Qorti biex tagħti preferenza lir-rapport tal-ewwel espert tekniku minflok dak tal-periti perizjuri.*

*Fit-tieni lok, il-Qorti lanqas ma tara raġuni valida il-għala hija għandha tiskarta opinjoni teknika ta' esperti tekniċi mqabbda minnha biex arbitrarjament isserraħ il-konklużjonijiet tagħha fuq stimi preżentati minn xhud ex parte Michael Mifsud sempliċiment għax dan evidentement igawdi l-fiduċja tal-atturi. Anke jekk il-prova li l-attur xtara xi armi mingħand din il-persuna ma ġietx kontradetta, la l-atturi u lanqas dan ix-xhud ma ppreżentaw xi riċevuta uffiċjali li tagħti ħjiel almenu ta' kemm effettivament inxtraw l-armi tan-nar ndikati fid-dikjarazzjoni ta' dan ix-xhud. Jirriżulta wkoll li fl-għoti tal-istimi tiegħu ix-xhud imsemmi ma elaborax u lanqas ta xi ndikazzjoni konkreta tas-sors jew sorsi affidabbli li minnhom wasal għall-valur minnu mogħti, għajr għal riċerka ġenerali fuq l-internet[38] . Oltre dan, mhuwiex magħruf x'għarfien, kompetenza, sengħa u expertise għandu dan l-istess Michael Mifsud fil-qasam tal-valutazzjoni tal-armi tan-nar sabiex jissostanzja d-dikjarazzjonijiet tiegħu dwar il-valuri minnu ndikati.*

---

[33] Fol. 405 et seq
[34] Fol. 413
[35] Seduta tat-18 ta' Ġunju, 2012 fol. 171
[36] Rikors a fol. 215
[37] Fol. 220
[38] Fol. 38 et seq

*Oltre hekk, dwar il-kritika li ressaq l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li skontu l-konvenut Kontrollur akkwijixxa għal valuri mogħtija minn Mifsud ġialadarba għażel li ma jagħmilx il-kontroeżami tiegħu, il-Qorti hija wkoll ta' ħsieb ieħor. Anke jekk il-Qorti hija aċċettanti ta' dak riprodott fin-nota ta' sottomossjonijiet imsemmija, riferibbilment għal dan il-punt ta' nuqqas ta' kontro-eżami sa fejn jirrigwarda l-ġurisprudenza u l-fehma ta' ġuristi kwotati, dan ma għandux iwassal biex hi taċċetta bħala valur reali dak stabbilit minn Mifsud, anke jekk wieħed jasal biex jinterpreta li dan huwa l-każ fir-rigward tal-konvenut. (Fatt li żgur mhux il-każ għax il-valur imsemmi kien ferm ikkontestat minnu gia saħansitra f'nota tiegħu preżentata fit-28 ta' Ġunju, 2011[39] , fuq ordni tal-Qorti). Il-fehma mressqa minn Mifsud dwar il-valuri tista tkun ikkunsidrata bħala prova ta' fatt, anke jekk is-sors tiegħu jibqa' dgħajjef, daqstant ieħor hija prova ta' fatt il-fehma ta' espert/esperti tal-Qorti, minnha nominati għax taf li għandhom dik is-sengħa, ħiela, arti u fuq kollox l-indipendenza meħtiega biex jaqdu l-inkarigu lilhom mogħti. Għalhekk ebda nuqqas ta' kontro-eżami ma jista jwassal lil din il-Qorti għal aċċettazzjoni għamja ta' fehma ta' xhud ex parte.*

*Il-Qorti tislet hawn analoġija ma l-istitut tal-kontumaċja fejn addirittura w agħar il-konvenut jonqos milli jressaq in terminu d-difiża tiegħu għal kontradittorju. Xorta jibqa' pero l-obbligu ta' l-attur jressaq l-aħjar prova u tal-Qorti li teżamina t-talbiet miġjuba n relazzjoni ma dan.*

*Tenuti l-premess u wara li għarblet il-provi kollha miġjuba quddiemha fir-rigward, il-Qorti tqis fiċ-ċirkustanzi li hija għandha tadotta l-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-periti perizjuri mqabbda minnha għax jidhrilha li huma l-aktar preċiżi, akkurati u li ġew milħuqa wara analiżi teknika profonda u huma professjonalment u dettaljatament riċerkati u applikati għall-oġġetti mertu tal-kawża tal-lum.*

*Il-Qorti nfatti ma tara ebda raġuni valida il għala hija għandha tiskarta dawn il-konstatazzjonijiet. Dan anke fid-dawl tal-fatt li dwar il-piż probatorju tal-kostatazzjonijiet ta' periti tekniċi nominati mill-Qrati gie ritenut kostantement mill-ġurisprudenza nostrali, li għalkemm Qorti mhijiex marbuta tadotta l-konklużjonijiet ta' rapport peritali, madankollu hija m'għandhiex b'mod leġġer tiskarta tali riżultanzi tenut kont li dawn ikunu magħmula minn espert tekniku mqabbad apposta biex jeżamina materja teknika bħal ma hu l-każ odjern. Fil-każ fl-ismijiet* ***Noel Pisani et pro et noe vs Adam Bartolo*** *deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 t'April 2016[40] elenkat il-prinċipji rilevanti f'dan il-kuntest:*

.......

*Fid-dawl tal-prinċipji suesposti l-Qorti tqis li m'hemm ebda lok li jwassalha biex tiddubita mil-konstatazzjonijiet tal-periti perizjuri*

[39] Fol. 60
[40] Cit Nru 13/06JZM

*mqabbda minnha u tqis li l-konklużjonijiet tagħhom huma ġusti u fid-dawl tar-riċerki tagħhom ferm raġonevoli. Tqies ukoll dak ritenut mill-istess periti u minnhom mtenni fl-eskussjoni fit-tul li saritilhom fejn in sostanza żammu ferm l-konklużjonijiet tagħhom. Għalhekk hija se tagħmel tagħha dawn l-istess konklużjonijiet.*

*In fine, l-Qorti mhijiex beħsiebha tiddilunga fuq il-kritika li l-atturi ressqu fir-rigward tal-kompetenza u r-rwol ta' wieħed mit-tlett periti perizjuri. Il-Qorti tfakkar li apparti li tnejn mit-tlett periti perizjuri ġew suġġeriti mill-partijiet stess, dawn l-istess periti finalment inħatru minnha proprju għax igawdu l-fiduċja tagħha oltre l-fatt li qabel il-ħatra tagħhom* ***ma saret ebda oġġezzjoni għalihom jew għal xi wieħed minnhom mill-partijiet****. Barra minn hekk kif jixhed id-digriet appożitu, huma ġew nominati* ***bl-istess inkarigu – u cioe' ta' esperti tekniċi.*** *Xejn aktar u xejn anqas. A skans ta' kull ekwivoku d-digriet tal-ħatra ta' dawn il-periti jgħid hekk*[41] *-*

> *"Il-Qorti,*
>
> *Tinnomina bħala periti addizzjonali lil Dr Mario Spiteri Bianchi, Stefan Petroni u lil Pierre Grech Pillow sabiex wara li jaraw l-atti, jagħtu stima tal-valur tal-armi tan-nar li nsterqu u li huma mertu tal-kawża."*

*Il-fatt li wieħed minn dawn l-esperti nzerta huwa avukat, u li fil-kapaċita' tali tiegħu huwa formalment preżenta rikorsi biex jitlob direzzjoni u awtorizzazzjoni mill-Qorti fl-eżekuzzjoni tal-inkarigu mogħti lit-tlett esperti, ma jnaqqas u ma jbiddel xejn mill-funzjoni tiegħu ta' espert tekniku kif nominat mill-Qorti. Infatti, l-konstatazzjonijiet u l-konklużjonijiet kollha tar-rapport huma purament tekniċi.*

*Oltre dan, il-Qorti tissottolinea li anke jekk fl-espletazzjoni tal-inkarigu tagħhom l-esperti setgħu forsi tqassmu bejniethom dwar xi aspetti ta' dan l-istess inkarigu, ir-rapport finali jibqa' wieħed u ffirmat mit-tlett esperti konġuntivament. B'hekk il-konklużjonijiet raġġunti fir-rapport, inkluż ir-responsabilta' għall-istess tinġarr mit-tlett esperti kollettivament u mhux indiviwalment.*

*Il-Qorti għalhekk tqis li d-danni għandhom ikunu stabbiliti fuq il-valur kif indikat mill-esperti perizjuri u cioe' fis-somma totali ta' tmien t'elef u disgħa u sebgħin Ewro u wieħed u erbgħin centeżmu (€8079.41).«*

38. Il-konvenut appellant permezz ta' dan l-aggravju baqa' jinsisti fuq l-argument tiegħu li ressaq quddiem l-Ewwel Qorti li l-valur tat-tmien armi

[41] Fol. 226

tan-nar li baqgħu ma nstabux għandu jkun ibbażat fuq id-dikjarazzjoni tal-istess attur appellat lid-Dwana meta l-armi kienu impurtati. Jgħid li Cauchi ħallsu d-depożitu kawtelatorju bħala dazju ta' importazzjoni fuq l-oġġetti, inkluż l-armi li kienu fil-kontejner abbażi tad-dikjarazzjoni tagħhom stess. Isostni li l-atturi appellati kellhom l-obbligu u r-responsabilitajiet tagħhom skont il-provvedimenti tal-Kapitolu 337 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-rigward tad-dikjarazzjoni li ġiet sottomessa lid-Dwana sabiex l-armi inkwistjoni setgħu jiġu importati u liċenzjati f'Malta u dan kif imfisser mill-Assistent Direttur tad-Dwana John Camilleri[42]. Jisħaq li l-Ewwel Qorti żbaljat li qagħdet fuq ix-xhieda ta' Louis Fava, u skartat ix-xhieda tal-Uffiċjal Joanne Pace li kienet preżenti meta nfetaħ il-kontejner f'Għawdex u kif ukoll ix-xhieda tal-Assistent Direttur John Camilleri. Fix-xhieda tagħhom huma kkoreġew ix-xhieda ta' Louis Fava, liema xhieda ma kienet taqbel xejn mal-proċedura effettiva kif prattikata u esegwita mid-Dwana, partikolarment dak li jikkonċerna d-dettall dwar il-valur tal-kontenut tal-kontejner. Għalhekk isostni li l-Ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni li ladarba l-appellati ddikjaraw il-valur tal-armi kollha ta' ġewwa l-kontejner fl-ammont ta' elf ewro u ssottomettew dokumentazzjoni li kienet meħtieġa għall-esportazzjoni tal-kontejner kollu, li kien jispeċifika li l-valur tal-kontejner kollu ma kienx jaqbeż elfejn u ħames mitt Dollaru Amerikan, l-Ewwel Qorti ma messhiex ikkonkludiet li l-appellant huwa responsabbli sabiex iħallas is-somma ta' €8.079.41.

[42] Seduta tat-18 ta' Ġunju, 2012

39. Min-naħa tagħhom l-atturi m'appellawx is-sentenza tal-Ewwel Qorti u wieġbu għal dan l-aggravju billi rreferew għal dak magħdud mill-Ewwel Qorti. Jgħidu li t-talba tagħhom għal riżarċiment pekunjarju huwa bbażat fuq il-preċett ta' *restitutio in integrum.* Isostnu li l-konvenut appellant qiegħed ikun sempliċistiku fl-argument tiegħu u dan billi d-differenza hija ovvja – fuq naħa hemm valur dikjarattiv għall-ħsieb amministrattiv biex oġġett jiddaħħal fil-pajjiż u fuq naħa l-oħra hemm il-valur intrinsiku tal-oġġett. Il-kawża titratta r-rijentegrazzjoni tal-patrimonju tal-atturi bbażata fuq dan l-aħħar aspett. Diversi esperti ħadu konjizzjoni ta' dan l-aspett tal-kwantifikazzjoni u l-ebda wieħed minnhom ma ssofferma ruħu fuq l-argument mertu ta' dan l-aggravju. Jgħidu li l-argument tal-konvenut appellant li jipprova jaqbad ma' dan l-argument meta uffiċjal tiegħu stess, Louis Fava, qal b'mod ċar li l-valur li kienu jitolbu ma kienx wieħed realistiku. L-Ewwel Qorti qablet ma' din il-verżjoni. Dak li qiegħed jipprova jagħmel il-konvenut appellant huwa li qiegħed jistieden lil din il-Qorti tbiddel id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti b'dik tagħha.

40. Illi l-iskop tal-ħlas tad-danni huwa dak li terġa tpoġġi lil min ikun sofrihom fil-pożizzjoni daqs li kieku ma ġralu xejn (Ara **Borg pro et nomine v. Muscat,** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar, 1973).

41. Il-konvenut appellant irrefera għax-xhieda tal-uffiċjal Joanne Pace u tal-Assistent Direttur John Camilleri li xehdu dwar il-proċedura mħaddma mid-dwana fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet li jissottomettu immigranti li jkunu se jirritornaw f'Malta b'mod permanenti.

42. Però fl-atti hemm diversi xhieda oħra. Joseph Vella, uffiċċjal prinċipal fid-dipartiment tad-Dwana assenjat fl-*examination shed*, xehed[43] dwar meta rċevew l-armi tan-nar u tpoġġew fl-i*strong room*. Qal li *"Għal dak li jirrigwarda stima, aħna m'għamilna l-ebda stima. Jien għamilt għaxar snin naħdem f'dat-tip ta' xogħol, però fil-każ tas-sur Cauchi, ma kellnix bżonn stima, għaliex dawn kienu jikkwalifikaw bħala personal effects. Aħna li jinteressana bħala Dwana, hi li biex ikollu l-armi, irid il-liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, għalhekk ma tlabnix stima. Il-valur li stajna ingħatajna mingħand l-attur, kien sempliċi valur li stabbilixxa hu, mingħajr aħna bħala uffiċjali tad-Dwana, ma qagħdna nidħlu fiha jekk hux reali jew le."*

43. Louis Fava, fizzjal tad-Dwana, xehed[44] fir-rigward tal-armi tan-nar ma jitolbux stima peress li ma jsirx ħlas. Fir-rigward tal-*personal effects* u anki fl-armi tan-nar ma jkunx hemm valur realistiku. In kontroeżami baqa' jsostni hekk. Qal li kien ilu sebgħa u għoxrin sena jaħdem id-Dwana. Huwa ppreċiża s-segwenti:

---

[43] 17 ta' Novembru, 2011
[44] 26 ta' Marzu, 2012

> *"B'referenza għad-declaration information irrid nispjega li kien sar żball min-naħa tagħna tad-Dwana. It-tieni item suppost daħal bħala oġġetti ġodda. Is-shot gun suppost li niżlu fil-messages. Fejn hemm messages a fol. 66, dak hu kumment li għamlet l-inputer. In-numru ta' shot guns, kienu 13 mhux 10.*
>
> *Qed ngħid li hemm dan iż-żball, fis-sens li fejn hemm dikjarat the Price bħala munita, dik suppost qiegħda tirreferi għal new items u mhux għall-armi tan-nar. Dan hu żball li ġara fis-sistema. Mr Cauchi kien għamel id-dikjarazzjoni fil-preżenza tiegħu u kien qalilna li s-shot guns ma jistax jagħti valur tagħhom, sempliċiment qalli ma nistax nagħtik prezzhom. Hu veru li fid-dokument hemm iċ-ċifra ta' elf shotguns, imma dan mhux dak li qalilna Mr Cauchi. L-input ghamlet elf, imma dik kellha tkun għall-affarijiet ġodda li ġab miegħu minn barra minn Malta, mhux għas-shot guns. Jien qatt ma naf li quddiemi tana xi valur għas-shot guns Mr Cauchi. Dik l-item suppost taqra new items li kellu hu. Is-shot guns huma dikjarati fil-messages. M'hemmx il-valur. Qed ngħid dawn l-affarijiet għax naf li sar żball."*

44. Joanne Pace, assistent prinċipal id-Dwana, fissret[45] il-proċess ta' meta jkun hemm oġġetti ta' *returned migrant*. Tgħid li l-informazzjoni li jkun hemm fil-formoli jingħataw lilhom mill-importatur. Huma joqogħdu fuq dik l-informazzjoni nkluż fuq il-valur tal-oġġetti li jagħtuhom. Fuq dan il-valur mogħti tinħadem ir-rata ta' depożitu li jrid iħallas l-individwu. Dan id-depożitu jitħallas bħala garanzija billi r-*returned migrant* irid jagħmel minimu ta' sena f'Malta. Tgħid li joqogħdu fuq il-valur mogħti mill-importatur mhux fuq il-valuri tal-assigurazzjoni. Xehdet ukoll li hija kienet ilha taħdem fil-*Customer Services Section* sentejn u ma kinitx taf jekk il-formoli li xehdet dwarhom kinux jimtlew fis-sena 2008.

45. John Camilleri, Assistent Direttur ġewwa d-Dwana, fisser[46] li kull

[45] 18 ta' Ġunju, 2012
[46] Xhieda tat-18 ta' Ġunju, 2012

*returned migrant* irid jagħti prova li jkun għamel aktar minn tnax-il xahar jgħix barra minn Malta. Għandu jkollu diversi dokumenti li juru li l-kontejner fih *personal effects*. Id-dikjarazzjoni tkun tinkludi l-valur tal-affarijiet u l-ġeneru tax-xogħol li jkun. Il-valur huwa meħtieġ għaliex abbażi tiegħu jintalab ħlas ta' depożitu sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet. Ikun hemm spezzjoni fiżika tal-oġġetti u jekk l-ispettur iqis li l-valur tal-oġġetti jkun aktar minn dak iddikjarat mill-importatur issir reviżjoni. B'dan li l-ispettur mhux xi bniedem li jkun espert fl-għoti ta' stima. Jgħid li l-attur appellat Cauchi fuq item 2 a folio 64 elf ewro ġie dikjarat u m'hemmx iddikjarat li l-armi kienu *collector's item*. In kontroeżami qal li xogħlu huwa wieħed amministrattiv.

46. Illi abbażi tax-xhieda mressqa, fuq bilanċ ta' probabilitajiet, din il-Qorti tqis li l-valur li tniżżel fuq il-formola mhux il-valur realistiku. L-ispjegazzjoni li taw il-fizzjali tad-Dwana li kienu preżenti waqt li nfetaħ il-kontejner tal-atturi appellati li kien fih l-oġġetti impurtati hija aktar verosimili għal dak li kien iseħħ f'sitwazzjonijiet bħal din. Hemm ukoll il-fattur li Joanna Pace xehdet li fiż-żmien tal-każ hija ma kinitx taħdem hemm u ma tafx jekk il-formoli li xehdet dwarhom kinux jimtlew fiż-żmien inkwistjoni u x-xhud Louis Fava xehed li kien hemm żball fis-sistema u kien ċert li l-attur ma ta ebda valur. Anki li kieku ngħata valur tal-armi, dan il-valur kien ingħata għall-iskop amministrattiv biex jiġi kkalkulat id-depożitu li jservi bħala garanzija u xejn aktar.

47. Fi kwalunkwe każ, ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tillikwida s-somma ta’ €8,079.41 bħala danni msejsa fuq ir-rapport imħejji mill-Periti Perizjuri huma loġiċi u huma kunsiderazzjonijiet u konklużjoni li l-Ewwel Qorti raġjonevolment u legalment setgħet tasal għalihom. Għalhekk din il-Qorti tirreferi għall-istess kunsiderazzjonijiet imwettqa mill-Ewwel Qorti u tagħmilhom tagħha.

48. Għalhekk anki dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tad-Direttur Ġenerali (Dwana) u tikkonferma f’kollox is-sentenza appellata. L-ispejjeż ta’ dan l-appell għandhom jitħallsu kollha mid-Direttur Ġenerali (Dwana).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr